

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1062****tat-2 ta' Lulju 2015**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1)(e) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka l-persuni, l-entitajiet u l-korpi li, billi ntgħażlu mill-Kunsill, huma koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.
- (2) Fit-2 ta' Lulju 2015, il-Kunsill iddeċieda li jżid entità waħda u sitt persuni fil-lista tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi li għalihom l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi għandu japplika. Għaldaqstant, l-Anness V għandu jiġi aġġornat.
- (3) Biex jiġi garantit li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ immedjatamenteq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament:

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President*

*Il-Kap tas-Servizz tal-Instrumenti tal-Politika Barranija*

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 88, 29.3.2007, p. 1.

## ANNESS

L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 329/2007, huwa emendat kif ġej:

- (a) L-entrati li ġejjin huma miżjud taħt l-intestatura “C. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 6(2)(b)” titħassar:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
“1.	KIM Il-Su	Rahlstedter Strasse 83 a, 22149 Hamburg  Data tat-twelid: 2.9.1965  Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK	Rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH li hi nominata mill-UE, li jaġixxi fisem KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
2.	KANG Song-Nam	Rahlstedter Strasse 83 a, 22149 Hamburg  Data tat-twelid: 5.7.1972  Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK	Rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH li hi nominata mill-UE, li jaġixxi fisem KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
3.	CHOE Chun-Sik	Rahlstedter Strasse 83 a, 22149 Hamburg  Data tat-twelid: 23.12.1963  Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK  Nru tal-passaport 745132109 Validu sat- 12.2.2020	Rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH li hi nominata mill-UE, li jaġixxi fisem KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
4.	SIN Kyu-Nam	Data tat-twelid: 12.9.1972  Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK  Numru tal-Passaport: PO472132950	Kap ta' dipartiment fil-Kwartieri Ġeneral ta' KNIC fi Pyongyang u preċedentement kien rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH Hamburg. Huwa jaġixxi fisem KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
5.	PAK Chun-San	Data tat-twelid: 18.12.1953  Post tat-twelid: Phyongan, RDPK  Numru tal-Passaport: PS472220097	Kap ta' dipartiment fil-Kwartieri Ġeneral ta' KNIC fi Pyongyang u preċedentement kien rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH Hamburg. Huwa jaġixxi fisem KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
6.	SO Tong Myong	Data tat-twelid: 10.9.1956	Direttur Maniġerjali ta' KNIC GmbH, Hamburg, li jaġixxi fisem KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.”

(b) L-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura “D. Persuni ġuridiċi, entitatjet u korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)(b):”

	Isem (u alternativi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
“1.	Korea National Insurance Company (KNIC) GmbH  (magħrufa wkoll bħala Korea Foreign Insurance Company)	Rahlstedter Strasse 83 a, 22149 Hamburg	<p>KNIC GmbH, bħala sussidjarja kkontrollata mill-kwartieri ġeneral ta' KNIC fi Pyongyang (indirizz Haebangsan-dong, Central District, Pyongyang, RDPK), li hi entità governativa, qed tiġġenera dħul ta' kambju barrani sostanzjali li jittuża biex jappoġġa r-reġim fil-Korea ta' Fuq. Dawn ir-riżorsi jistgħu jikkontribwixxu għal programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qedda tal-massa</p> <p>Barra minn hekk, il-kwartieri ġeneral ta' KNIC fi Pyongyang hija marbut mal-Uffiċċju 39 tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li huwa entità nominata.”</p>